**Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva**

**Pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee / General Practitioner Trainee fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1.1 Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee / General Practitioner Trainee fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva.

1.2 Vakanzi jeżistu fl-ispeċjalitajiet li ġejjin:

- Anestesija u Kura Intensiva
- Mediċina tal-Emerġenza
- Mediċina Ġenerali/Interna
- General Practitioner Trainee
- Kirurġija Ġenerali
- Imatoloġija
- Istopatoloġija
- Mikrobijoloġija Medika inkluż Batterjoloġija, Viroloġija, Mikroloġija, Parassitoloġija u Kontroll ta' l-Infezzjoni
- Ostetriċja u Ġinekoloġija
- Oftalmoloġija
- Pedjatrija
- Psikjatrija
- Mediċina għas-Saħħa Pubblika
- Radjoloġija
- Mediċina Nuklejari.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' erba' (4) snin bħala Basic Specialist Trainee jew General Practitioner Trainee fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, wara liema nuqqas li tinkiseb it-tlestija taċ-ċertifikazzjoni ta' Basic Specialist Training jew tlestija ta' training għal General Practioner Trainee fil-Mediċina tal-Familja f'perjodu ta' erba' (4) snin full-time, jew tul ta' żmien ekwivalenti, jirriżulta f'assimilazzjoni laterali fil-post sostantiv tal-Junior Staff Grade (Skala ta' Salarju 8) jew Staff Grade (Skala ta' Salarju 7) kif applikabbli, suġġett għal kundizzjonijiet oħra kif stabbilit fil-ftehim settorjali.

2.2 Kull fejn Basic Specialist Trainee jew General Practitioner Trainee ma jtemmx it-taħriġ tiegħu/tagħha fi ħdan il-limitu massimu ta' erba' (4) snin ta' impjieg mal-Gvern, jew tul ta' żmien ekwivalenti, min iħaddem iżomm id-dritt li jpoġġi fejn hemm bżonn lit-tabib ikkonċernat fl-Istaff Grade xieraq skont l-esiġenzi tas-servizz. Tali tobba għandhom jibqgħu fl-istess skala ta' salarju li kienu laħqu u għandhom jiġu rreferuti bħala Junior Staff Grade (Skala ta' Salarju 8) jew Staff Grade (Skala ta' Salarju 7) hekk kif applikabbli, skont il-ftehim settorjali fis-seħħ iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta.

2.3 Il-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee jew General Practitioner Trainee hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.4 Qed jiġi nnutat li bis-saħħa tar-Regolament 3 (2) (c), il-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss' mhix applikabbli fil-każ tal-proċess tal-għażla.

2.5 Persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni privatament kemm-il darba:
a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u
b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali jew l-eżiġenzi tas-servizz.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.7 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

2.8 Matul it-taħriġ speċjalizzat, il-persuna maħtura hija mistennija li tissodisfa l-kriterji approvati mill-kumitat tal-akkreditazzjoni speċjalizzata (SAC) għall-ispeċjalita' rilevanti kif speċifikat fil-kurrikuli tat-taħriġ rispettivi approvati li jistgħu jinstabu fuq il-website tas-SAC, https://medicalsac.gov.mt/mt/training-programmes/.

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee jew General Practitioner Trainee huwa ekwivalenti għall-ħames tarġa ta' Skala ta' Salarju 8, (li fis-sena 2026 huwa ta' €32,352,34 fis-sena, li jitla' b' żidiet fis-sena ta' €486.83 sa massimu ta' €33,326.00) flimkien ma' Allowance ta' Speċjalizzazzjoni ta' €4,900 fis-sena, li titħallas fi tlettax-il pagament ugwali fis-sena.

3.2 Persuna magħżula li tissodisfa l-kriterji stabbiliti għall-ispeċjalita' rilevanti, kif speċifikat fil-kurrikulu ta' taħriġ rispettiv u l-esiġenzi tal-ispeċjalita' kif approvat mill-Kumitat ta' Taħriġ skont il-linji gwida stabbiliti mill-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti ta' Malta, waqt it-terminu tal-kuntratt, tiġi maħtura Basic Specialist Trainee 2 jew General Practitioner Trainee 2, suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti, u titpoġġa f'mhux inqas mill-ħames tarġa ta' Skala ta' Salarju 7 (li fis-sena 2026 hija €34,282,68 fis-sena, li jitla' b'żidiet ta' €531.17 fis-sena sa massimu ta' €35,345.02) flimkien ma' Allowance ta' Speċjalizzazzjoni ta' €5,950 fis-sena, li titħallas fi tlettax-il pagament ugwali fis-sena.

**Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet għal pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee jinsabu fl-Anness A u id-dmirijiet għal pożizzjoni ta' General Practitioner Trainee jinsabu fl-Anness B mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

4.2 Il-persuna maħtura tista' tkun meħtieġa taqdi dmirijiet fi kwalunkwe servizzi tal-kura tas-Saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

4.3 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenti on-call skont roster stabbilita li tista' tinkludi dmirijiet ta' bil-lejl. Din ir-roster tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġijiet tat-taħriġ kif jistgħu jkunu applikabbli minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Siegħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b' remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati. Erba' siegħat ta' ħin protett bil-ħlas ikun allokat għall-fini ta' taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta’ Malta; **jew**
   b. ċittadini ta’ Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg bis-saħħa ta’ leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta’ kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f’(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f’Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar “Status ta’ Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi)”, jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta’ ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta’ residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
   f. Fil-pussess ta’ dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument ‘Status ta’ Residenza ta’ Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f’Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.’

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identita` Malta** skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta’ kandidati msemmija f’(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta’ liċenzja tax-xogħol f’dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;
iii. (a) rreġistrati bi sħiħ mill-Kunsill Mediku ta' Malta u fil-pussess tal-warrant biex jipprattikaw;

(b) fil-pussess tal-Foundation Programme Certificate of Completion (FPCC) maħruġ mill-Malta Foundation School jew kwalifika li hi meqjusa mill-Kunsill Mediku ta' Malta bħala xierqa, rilevanti u komparabbli.

**Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta’ karriera differenti jew f’pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta’ karriera jew le.**

Aktar minhekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu formalment r-rekwiżiti speċifikati f'paragrafu 5.1 (iii)(a) u (b), xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li jikkwalifikaw għal ħtiġijiet sa sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultat rispettiv. Jekk jintgħażlu, tali kandidati jridu jipreżentaw ir-rekwiżiti indikati f'paragrafu 5.1 (iii) (a) u (b) qabel il-ħatra.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b’ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.3 Curriculum Vitae standard għandu jiiġi sottomess mad-dokumenti meħtieġa skont Para 6.1. Il-mudell huwa mehmuż bħala Anness C.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn żewġ (2) Bordijiet tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-

pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

Il-proċess tal-għażla se jitwettaq kif ġej:
- Bord tal-għazla ġenerali se jkun responsabbli għall- evalwazzjoni tal-eliġibbilta' u l-valutazzjoni tal-Kriterji Ġenerali. Il-kandidat ikun meħtieġ jattendi għall-bord ta' l-għażla ġenerali darba biss. Il-marka miksuba minn dan il-bord se tiġi inluza fil-marka finali ta' kull speċjalita' magħżula.
- L-applikanti li jinstabu l-eliġibbli skont it-taqsima 5.1 se jipproċedu għall-intervista bbażata fuq l-ispeċjalita'. L-applikant ikun meħtieġ jattendi intervista bbażata fuq l-sipeċjalita' għall kull speċjalita' magħżula (massimu ta' 3).
- L-ordni ta' preferenza tal-ispeċjalita' għandha tintalab mid-Diviżjoni tal-People Management matul il-proċess. L-applikanti jingħataw erbat (4) ijiem ta' xogħol biex jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom permezz tal-email.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

7.3 **Qed jiġi hawn innutat li r-riżultat se jkun validu sa sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultat relevanti.**

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

**<u>Nota: L-applikanti jistgħu japplikaw għal sa tlett (3) speċjalitajiet inkluż General Practitioner Trainee.</u>**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn biss f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2026 Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottometu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz
https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf jew

jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, 15 Palazzo Castellania, Triq Merkanti Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva huwa (https://sahha.gov.mt), u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huwa recruitment.health@gov.mt.